# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2023**

**Numru 1**

**Rikors Numru 57/19TA**

**Fl-atti tar-Referenza Kostituzzjonali tat-8 ta' April 2019, magħmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-atti tal-kawża fl-ismijiet:-**

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Matthew Bajada u kif ukoll l-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-referenza kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-Appell Nru 69/2017 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Matthew Bajada, a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fit-8 ta' April 2019, fejn sar is-segwenti kweżit sabiex tiġi deċiża minn dina l-Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, ossija:

**"Jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-**

**artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser jiġi leż id-dritt tiegħu minn żamma arbitrarja abbinat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni bil-fatt illi ż-żmien li għamel taħt arrest preventiv f'din l-istanza ġie meqjus mingħajr jedd għal smiegħ xieraq bħala kundanna f'kawża oħra mhux reltata mal-proċeduri odjerni."**

Rat illi fit-30 ta' April 2019, din il-Qorti appuntat ir-referenza għas-smigħ għas-7 ta' Mejju 2019;

Rat illi fis-7 ta' Mejju 2019 din il-Qorti ħalliet din ir-referenza għan-notifika tal-Kummissarju tal-Pulizija u fl-udjenza sussegwenti tat-3 ta' Ġunju tathom għoxrin ġurnata żmien sabiex jippreżentaw ir-risposta tagħhom.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerli u l-Kummissarju tal-Pulizija għal din ir-referenza kostituzzjonali ppreżentata fl-24 ta' Ġunju 2019 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

> "Illi l-mistoqsija kostituzzjonali li giet riferuta mill-Qorti Referenti tirrigwarda jekk l-appellant fil-kawza *Il-Pulizija vs. Matthew Bajada* quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali hux qed isofri minn vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni minhabba li ser jigi lez d-dritt tieghu minn zamma arbitrarja abbinat mal-jedd ghal-smigh xieraq bil-fatt illi z-zmien li ghamel taht arrest preventive f`din l-istanza gie meqjus minghajr jedd ghal smigh xieraq bhala kundanna f`kawza ohra mhux relatata mal-proceduri odjerni.
>
> Illi qabel mal-esponent jghaddi biex jirrispondi ghal din il-lanjanza huwa importanti li jigu elenkati il-fatti relevanti ghal din l-istanza liema fatti johorgu mill-processi kriminali relativi.
>
> Ir-rikorrent Matthew Bajada u certu Joseph Camilleri gew mixlija flimkien quddiem il-Qorti ta` kompetenza kriminali b`diversi reati konnessi mal-pussess u traffikar ta` droga. Waqt il-kumpilazzjoni ir-rikorrent inghata l-

helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fis-**17 ta` Frar 2009** taht diversi kundizzjonijiet fosthom li jiddepozita fir-registru tal-Qorti s-somma ta` EUR 5,000 u jaghti garanzija personali ta` EUR 30,000. Kien ilu arrestat mit- **28 ta` Jannar 2009**.

Gara li permezz ta` digriet mill-Qorti Kriminali nhar is-**16 ta` Lulju 2012** gie stabbilit li r-rikorrent kien kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fid-digriet tal-helsien mill-arrest u l-Qorti ordnat li r-rikorrent jigi arrestat mil-gdid u li tigi konfiskata s-somma ta` EUR 5,000 u li jhallas il-garanzija ta` EUR 30,000. Ir-rikorrent baqa arrestat ghal cirka 7 xhur sakemm irnexxilu ihallas is-somma ordnata mill-Qorti fit-**13 ta` Frar 2013.**

Eventwalment kienet ittiehdet decizjoni li l-kaz tar-rikorrent jigi separat minn dak ta` Joseph Camilleri u permezz tas-sentenza datata 28 ta` Jannar 2013 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs. Matthew Bajada** il-Qorti Kriminali illiberat lir-rikorrent mill-akkuzi kollha wara li ghadda guri.

Sussegwentement ir-rikorrent fetah kawza kostituzzjonali numru 19/14 fl-ismijiet Matthew Bajada vs. Avukat Generali et fejn fiha allega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu minhabba li meta Qorti Kriminali ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta` Malta tas-somma totali ta` EUR 35,000 ma osservatx il-principji tal-proporzjonalita` u arbitrarjeta`. Permezz ta` sentenza datata 27 ta` Ottubru 2017 il-Qorti Kostituzzjonali sabet lezjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u ordnat kumpens fl-ammont ta` EUR 32,000 lir-rikorrenti.

Illi gara ukoll li waqt li kienet ghaddejja il-kawza kriminali imsemmija iktar `l fuq, ir-rikorrenti Bajada nhar is- **6 ta` Lulju 2012** gie arrestat u mixli quddiem l-Qorti tal-Magistrati li kkorrompa diversi xhieda tal-prosekuzzjoni fosthom lill-istess Joseph Camilleri (dak li kien ko-akkuzat fil-kawza kriminali l-ohra), lil-PC 364, WPC 127 u PC 1213. Ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest in konnessjoni ma dawn l-akkuzi nhar it- **28 ta` Novembru 2012.** Fit- 8 ta` Frar 2017 il-Qorti tal-Magistrati sabet lir-rikorrent hati u gie kkundannat 3 snin prigunerija. Minn din id-decizjoni sar appell.

Illi jidher li l-ilment li qajjem ir-rikorrent permezz ta` din ir-referenza jirrigwarda biza` li mhux ser jibbenefika mill-arrest preventiv jekk is-sentenza ta` tliet snin prigunerija tigi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dwar dan gew invokati l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja jibda biex jinghad li dan l-artikolu huwa intiz sabiex ihares lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx wahda arbitrarja skont l-artikolu msemmi dik id-detenzjoni trid tkun skont il-ligi u konsistenti mal-ghan tal-istess artikoli u cioe' li l-indivdwu jigi mhares mill-arbitrarjeta'. Illi madanakollu dan il-principju mhuwiex wiehed assolut u dan stante li dan l-artikolu jikkontjeni lista ezawrenti tar-ragunijiet li ghalihom tista' titnehha l-liberta' ta' xi persuna.

Uhud mir-ragunijiet li skont l-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jiggustifikaw il-privazzjoni mil-liberta' huma dawk mahsuba fil-paragrafu (a) u (c) tal-istess artikolu u cioe' meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-ligi u wara li l-Qorti issib il-persuna hatja tal-akkuza u kif ukoll meta tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti.

Illi dak li sar fil-konfront tar-rikorrenti huwa skont il-ligi u ma hemmx l-elementi sabiex din l-Onorabbli Qorti issib li sehhet jew li ser isehh vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-konvenzjoni Ewropa.

Illi r-rikorrent qatt ma ikkontesta l-arrest in konnessjoni ma dawn il-proceduri u fi kwalunkwe kaz jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tigi kkonfermata huwa ikun detenut proprju wara li instab hati minn Qorti skond il-ligi kif jezigi tal-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif diga rrimarkat il-Qorti Referenti, il-kwistjoni dwar jekk giex vjolat jew hux ser jigi ivvjolat l-artikolu 5 hija bla dubju ta` xejn prematura proprju ghaliex l-appell ghadu ma giex deciz u ghalhekk ir-rikorrent m`huwiex qieghed fil-prezent arrestat jew detenut in konnessjoni mal-kaz in kwistjoni.

Illi jigi rilevat li l-kawza kriminali odjerna hija kompletament separata u distinta mill-kawza l-ohra li giet deciza mill-Qorti Kriminali fit-28 ta` Jannar 2013 fejn ir-rikorrent gie illiberat mill-akkuzi. Dak li gara f`dak il-kaz fejn jidhol l-arrest preventiv tar-rikorrenti m`ghandu x`jaqsam xejn mal-arrest preventiv f`dan il-kaz.

Li ghandna quddiemna hija sitwazzjoni fejn ir-rikorrent gie akkuzat b`reati li igorru piena ta` prigunerija. F`kaz ta` sejbien ta` htija, il-Qorti ta` kompetenza kriminali trid teroga l-piena li hija fil-parametri tal-ligi stess u dan irrispettivament minn kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda l-arrest preventiv. Jekk mill-piena li erogat il-Qorti, irid jitnaqqas iz-zmien li r-rikorrent ghamel taht arrest preventiv, din hija kwistjoni li ma tirrigwardax strettament lill-Qorti izda semmai l-amministrazzjoni tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin. Huwa rikonoxxut li meta persuna taghmel perjodu taht arrest preventiv dak il-perjodu jitnaqqas mill-kundanna effettiva wara sejbien ta` htija mill-Qorti. F`din il-qaghda l-esponent jirrileva li m`huwiex car ezattament x`qed jippretendi r-rikorrent meta talab ir-referenza u fi kwalunkwe kaz l-ilmenti tieghu huma infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar l-artikolu 6 li jirrigwarda l-jedd ghal-smigh xieraq anke hawn m`huwiex car kif dan l-artikolu gie vjolat. Illi sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffrewx ksur tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu.

L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika. Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gjust.

> Illi l-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalita tal-kazijiet, jidhol biss fi kwistjonijiet dwar (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (iv) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (v) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss, (vi) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni u (vii) dritt ghall-assistenza legali.
>
> Illi l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma giet invokata u ghalhekk anke dan l-ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.
>
> Ghalhekk m`hemm l-ebda lezjoni tal-artikoli msemmija
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> Bl-ispejjez."

Rat li l-atti tal-proċeduri Kriminali, Appell Nru 69/2017, fejn saret tali referenza, ġew allegati mal-proċeduri odjerni;

Rat li l-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Matthew Bajada deċiżi fit-28 ta' Jannar 2013 ġew allegati in atti skont kif minnha ordnat fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2021;

Rat l-atti kollha ta' din ir-referenza;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat is-sottomissjonijiet ta' Matthew Bajada ppreżentati fit-13 ta' Lulju 2022;

Rat is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati fis-7 ta' Ottubru 2022;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Frar 2023 fejn ir-referenza kostituzzjonali tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni finali.

**Punti ta' fatti**

**1.** Din ir-referenza kostituzzjonali tolqot il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013 li fih Matthew Bajada inżamm f'detenzjoni fil-faċilitá korrettiva ta' kordin a tenur tal-artikolu 586 tal-Kap. 9 (ara xhieda Joyce Agius a' fol 56A ta' dawn l-atti). Dan l-artikolu jirregola ż-żmien ta' detenzjoni għal kull min jiġi arrestat minħabba li ma jkunx ħallas is-somma tal-garanzija.

**2.** Matthew Bajada inżamm hekk detenut fil-31 ta' Lulju 2012 wara li huwa ma ħallasx is-somma tal-garanzija fl-ammont ta' €30,000. Dan sakemm titħallas din is-somma komputata skont il-konverżjoni kontemplata fl-imsemmi artikolu 586 (ibid.). Is-somma msemmija ġiet konfiskata favur il-Gvern ta' Malta, flimkien mad-depożitu fis-somma ta' €5,000, b'ordni tal-Qorti Kriminali mogħti fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 a tenur tal-artikolu 579 tal-Kap. 9.

**3.** Dan id-digriet ingħata matul il-kors ta' proċeduri kriminali istitwiti kontra Matthew Bajada fit-28 ta' Jannar 2009 fejn ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli b'diversi reati konnessi mal-pussess illegali u traffikar ta' sustanzi kontrollati (ara fol 1 tal-atti tal-kumpilazzjoni numru 68/2009 hawn allegati).

4. **Din l-ordni ngħatat wara li l-istess Qorti Kriminali sabet lil Matthew Bajada ħati li kiser it-tieni kundizzjoni għall-ħelsien mill-arrest preventiv konċess mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-17 ta' Frar 2009.** Fl-istess digriet ġie ordnat ukoll ir-riarrest mill-ġdid ta' Matthew Bajada (ara digriet u kundizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest preventiv fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 68/2009 a' fol 180 u l-ordni tal-Qorti Kriminali fl-Atti tal-Akkuża numru 45/10 hawn allegati a' fol 50).

**5.** Dawn il-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Matthew Bajada ġew konklużi b'Sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 2013. Bis-saħħa ta' din is-Sentenza il-Qorti Kriminali ddikjaratu mhux ħati tal-kapijiet kollha dedotti kontrih u ordnat li jingħata l-libertá minnufih (ara sentenza ibid. a' fol 367).

**6.** Madanakollu ftit iktar minn sitt xhur qabel ma ħareġ hekk liberat (u għaxart ijiem qabel ma nħarġet l-ordni ta' konfiska tal-garanzija msemmija), preċiżament fis-6 ta' Lulju 2012, Matthew Bajada reġa tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja mixli fost oħrajn li kkorrompa xhud u uffiċjali tal-Pulizija (ara atti tal-kumpilazzjoni numru 692/2012 a' fol 1). F'dawn il-proċeduri Matthew Bajada wkoll ingħata il-ħelsien mill-arrest preventiv b'digriet mogħti mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Frar 2013 (ara fol 172 tal-atti tal-kumpilazzjoni numru 692/12).

**7.** F'dik l-istess ġurnata, jiġifieri fit-13 ta' Frar 2013, Matthew Bajada ħallas il-kumplament tas-somma tal-garanzija fl-ammont ta' €27,647, biex

b'hekk ma jinżammx iktar f'detenzjoni a tenur tal-artikolu 586 tal-Kap. 9 (ara riċevuta a' fol 702 tal-atti tal-appell kriminali numru 69/2017). Dan ifisser li, biż-żmien li Matthew Bajada dam hekk detenut, il-garanzija tnaqqset bis-somma ta' €2,353, komputata kif ġia ingħad skont il-konverżjoni kontemplata fl-imsemmi Artikolu 586.

**8.** Matthew Bajada prova iktar minn darba jitlob ir-revoka *contrario imperio* tal-ordni ta' konfiska mogħtija mill-Qorti Kriminali bid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 fl-Atti tal-Akkuża numru 45/10. Din it-talba iżda dejjem ġiet miċħuda fuq oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali (ara fl-atti ta' dawk il-proċeduri ir-rikors tal-4 ta' Frar 2013 a' fol 411, risposta tal-Avukat Ġenerali a' fol 413 u digriet datat 11 ta' Frar 2013 a' fol 414).

**9.** Fil-25 ta' Frar 2014, jiġifieri fil-mori tat-tieni proċeduri kriminali istitwiti kontrih fis-6 ta' Lulju 2012, Matthew Bajada preżenta rikors quddiem il-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fejn talab, fost oħrajn, għal dikjarazzjoni li bl-ordni ta' konfiska mogħtija minnha, il-Qorti Kriminali "*inavvertitament ma mxietx mal-principji tal-proporzjonalita` u arbitrarjeta` imhaddna fil-Konvenzjoni Ewropea u enuncjata fis-sentenzi tal-ECHR*". B'Sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2016, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b' Sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2017, il-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) ddeċidiet li tilqa' din it-talba "*limitatament fis-sens illi ssib li kien hemm nuqqas ta` proporzjonalita` fid-digriet de quo li tat il-Qorti Kriminali fis-16 ta` Lulju 2012*", in vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-

Konvenzjoni Ewropea, speċifikatament l-artikolu 5(1)(b) (ara para 30 tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali: "*l-ewwel Qorti ddecidiet li tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u ddikjarat li hemm ksur tal-Artikolu 5. Ghalkemm l-ewwel Qorti ma esprimietx ruhha specifikatament, wiehed jifhem li l-ksur li kkonstatat fl-ordni kontenuta fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 jikkonfigura f'vjolazzjoni tad-dettami ta' proporzjonalita` inerenti fl-Artikolu 5(1)(b)*)". Bis-Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2017, il-Qorti Kostituzzjonali rriformat biss il-kumpens dovut lil Matthew Bajada għal din il-leżjoni fl-ammont komplessiv ta' €32,000. Dan wara li qieset numru ta' konsiderazzjonijiet, inkluż il-perjodu ta' detenzjoni inkwistjoni li Matthew Bajada kellu jagħmel skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 586 tal-Kap. 9.

**10.** Dawn il-proċeduri kriminali issa waslu fi stadju tal-appell, istitwit minn Matthew Bajada stess fl-20 ta' Frar 2017 (ara rikors tal-appell a' fol 615 tal-atti tal-appell kriminali numru 69/2017). Permezz tiegħu l-appellant Matthew Bajada qed jitlob lil Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tħassar dik il-parti tas-Sentenza mogħtija fit-8 ta' Frar 2017 fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati tar-reati kontemplati fl-artikolu 102(b) u (c), 115(b), 120(2), 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-artikolu 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 u kkundannatu għal, fost oħrajn, piena karċerarja effettiva ta' tlett snin (ara Sentenza fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 692/2012 a' fol 586).

**11.** F'dawn il-proċeduri kriminali l-appellant Matthew Bajada preżenta rikors fit-22 ta' Marzu 2019 fejn talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tawtorizzah sabiex issir Referenza Kostituzzjonali a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Dan sabiex din il-Qorti, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq l-ilment minnu reklamat, ossia li, għal raġunijiet hemm premessi, l-perjodu li fih dam detenut sakemm titħallas minnu l-garanzija fl-ammont ta' €30,000, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tiegħu minn żamma arbitrarja sanċit fl-artikoli 34(1)(d) tal-kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea abbinat mad-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq sanċit fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (ara rikors fl-atti tal-appell kriminali numru 69/2017 a' fol 684).

**12.** Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) laqgħet din it-talba b'digriet mogħti fit-8 ta' April 2019 (ara fol 1 ta' dawn l-atti) u fl-udjenza tat-12 ta' April 2019 ddifferiet l-appell "'*sine die' ri-appuntabbli meta tiġi deċiża il-kawża Kostituzzjonali*" (ara verbal a' fol 708 fl-atti tal-appell numru 69/2017).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**<u>L-Artikoli 34(1)(d) tal-Kostituzzjni u 5(1) tal-Konvenzjoni</u>**

**13.** L-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni jeħles l-istat mill-obbligu impost fis-subinċiż (1) li jipproteġi d-dritt fundamentali tal-libertá billi jara li "*ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertá personali tiegħu*". A tenur tal-artikolu 34(1)(d) dan id-dritt għandu jiġi hekk protett ħlief "*skont il-proċedura*

*preskritta bil-liġi ... fl-eżekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi*".

**14.** L-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni huwa dak korrispondenti għall-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni appena ċitat. L-artikolu 5(1)(b) bl-istess mod jeħles l-Istat mill-obbligu impost fis-sub-inċiż (1) li jipproteġi d-"*dritt għal-libertá u għas-sigurtá tal-persuna*" f'każ ta', "*skont il-proċedura preskritta bil-liġi ... l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi*".

**15.** L-ewwel parti tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni jimponi obbligazzjoni pożittiva fuq l-Istat sabiex mhux biss iżomm lura milli jikser d-dritt għal-libertà u s-sigurtà tal-persuna iżda wkoll biex jieħu miżuri xierqa għal protezzjoni effettiva kontra indħil illegali ta' dawk id-drittijiet għal kulħadd fi ħdan il-ġurisdizzjoni tiegħu (**El-Masri v. the former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], 2012, § 239**). Dan jinkludi l-obbligu li jipprevjeni ċaħda arbitrarja u mhux ġustifikata tal- libertá li l-awtoritajiet jafu jew messhom jafu biha (**Storck v. Germany, 2005, § 102; Selahattin Demirtaş v. Turkey (no. 2) [GC], 2020, § 311; S., V. and A. v. Denmark [GC], 2018, § 73; McKay v. the United Kingdom [GC], 2006, § 30**).

**16.** Il-Qorti Ewropea għarfet li d-dritt ta' libertá u sigurtá mfisser fil-Konvenzjoni huwa ta' l-għola importanza f'soċjetá demokratika (**Medvedyev and Others v. France [GC], 2010, § 76; Ladent v. Poland,**

**2008, § 45**). L-ebda ċaħda tal-libertá ma hija legali sakemm ma taqax taħt waħda mir-raġunijiet permissibbli speċifikati fis-subinċiżi (a) sa (f) tal-istess Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni (**Khlaifia and Others v. Italy [GC], 2016, § 88; Aftanache v. Romania, 2020, §§ 92-100; I.S. v. Switzerland, 2020, §§ 46- 60**). Każ partikolari ta' ċaħda tal-libertà li ma jidħolx fil-konfini ta' wieħed mis-sub-inċiżi (a) sa (f) ta' l-Artikolu 5, kif interpretat mill-Qorti, ma jitqiesx ġustifikat bir-raġuni li l-interessi tal-Istat iridu jiġu bilanċjati kontra dawk tad-detenut (**Merabishvili v. Georgia [GC], 2017, § 298**).

**17.** Ir-raġunijiet permissibli hemm speċifikati fis-sub-inċiżi (a) sa (f) ġew identifikati mill-QEBD bħala eċċezzjonijiet li huma eżawrenti fin-natura tagħhom u li għandhom jiġu interpretati restrittivament mingħajr ma jiġi applikat lilhom il-ġustifikazzjonijiet permessi f'dispożizzjonijiet oħra taħt il-Konvenzjoni, partikolarment fl-artikoli 8 sa 11. Ġie wkoll stabbilit li l-legalitá tad-detenzjoni hemm emfażizzata tinkludi kemm dik proċedurali kif ukoll sostantiva u tirreferi essenzjalment għal-liġi nazzjonali iżda wkoll, fejn xieraq, liġijiet oħrajn applikabbli, inkluż liġi Internazzjonali jew Ewropea (**Medvedyev and Others v. France [GC], 2010, § 79; Toniolo v. San Marino and Italy, 2012, § 46; Paci v. Belgium, 2018, § 64 u Pirozzi v. Belgium, 2018, §§ 45-46**).

**18.** Dan ir-rekwiżit tal-legalitá tad-detenzjoni ma jiġiex sodisfatt bil-mera osservanza tal-liġi nazzjonali rilevanti. Il-liġi nazzjonali nnifisha għandha tkun konformi mal-Konvenzjoni u mal-prinċipji ġenerali espressi jew

impliċiti fiha (**Plesó v. Hungary, 2012, § 59**). Il-prinċipji ġenerali impliċiti fil-Konvenzjoni li għalihom tirreferi l-ġurisprudenza Ewropea fuq l-Artikolu 5 § 1 huma l-prinċipju tas-saltna tad-dritt u, konnessi miegħu, dak taċ-ċertezza legali, il-prinċipju tal-proporzjonalitá u l-prinċipju tal-protezzjoni kontra l-arbitrjetà li huwa l-għan proprju tal-Artikolu 5 (**Simons v. Belgium** (dec.), 2012, § 32).

**19.** Il-QEBD issottolinjat ukoll l-importanza tal-prontezza jew ħeffa tal-kontrolli ġudizzjarji rekwiżiti fis-sub-inċiżi (3) u (4) tal-istess artikolu 5 (**Selahattin Demirtaş v. Turkey (no. 2) [GC], 2020, § 312; S., V. and A. v. Denmark [GC], 2018, § 73; Buzadji v. The Republic of Moldova [GC], 2016, § 84**).

**20.** Kif riaffermat mil-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża istitwita min Matthew Bajada stess (**Matthew Bajada vs Avukat Ġenerali et**) ġia fuq ċitata, "*Huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, kif ukoll fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin, illi kull mizura li twassal ghall-privazzjoni tal-liberta` tal-individwu, hija soggetta ghal skrutinju mill-qrati muniti b'kompetenza kostituzzjonali, taht il-lenti tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta (F'dan il-kaz ir-rikorrenti ma allegax ksur tad-drittijiet tieghu protetti mill-Kostituzzjoni.) . Inkluz, fost dawn il-mizuri, huwa kull ordni li tistabbilixxi kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest (Skrutinju taht l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Skont din il-Qorti fis-sentenza* ***The Police v. Austin Eze****, deciza 25 ta' Ottubru*

*2013:- "[34.4] There must be a proportion of reasonableness between the amount to be deposited by applicant for his release on bail, and his financial circumstances. The level of bail set out should not be set out too high, and should not be aimed at reparation of loss, but to ensure the presence of the accused"), kif ukoll kull ordni li tirrevoka dak il-helsien mill-arrest ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici fuq citat (Skrutinju taht l-Artikolu 5(1)(b)), minhabba ksur ta' xi wiehed mill-kundizzjonijiet hekk imposti.*

*19. Din il-Qorti filwaqt li taqbel ma' l-intimati li hija l-mansjoni esklussiva tal-qrati ta' kompetenza kriminali li jiddeterminaw kwistjonijiet dwar, inter alia, revoka ta' helsien mill-arrest u l-piena konsegwenzjali, tqis ukoll illi din il-mansjoni ghandha tigi mwettqa dejjem bi tharis tar-rekwiziti tal-Artikolu 5(1)(b) fosthom ir-rekwizit tal-proporzjonalita` u kwindi taht l-ottika tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni.*"

**21.** Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni speċifikata fis-sub-inċiż 5(1)(b), il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawża rrilevat dan li ġej:

"*27. Rigward l-ewwel parti tal-Artikolu 5(1)(b), cioe` r-rekwizit li l-arrest jew id-detenzjoni jkun mehtieg ghat-tharis ta' ordni gudizzjara, jinghad hekk:- "The domestic authorities must strike a fair balance between the importance in a democratic society of securing compliance with a lawful order of a court, and the importance of the right to liberty. Factors to be taken into consideration include the purpose of the order, the feasibility of*

*compliance with the order, and the duration of the detention. The issue of proportionality assumes particular significance in the overall scheme of things (**Gatt v. Malta, § 40).” (Ibid. para. 55 et seq.- sottolinear ta’ din il-Qorti**)*

*28. L-awtrici Karen Reid, fil-ktieb **A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights** (2 nd ed. Sweet & Maxwell (London) 2004) tikkummenta hekk dwar l-importanza li jintlahaq ir-rekwizit fondamentali tal-proporzjonalita` f’kazijiet li jinkwadraw fit-tieni binarju tal-Artikolu 5(1)(b): “This head of detention requires that a measure is taken to secure the execution of specific and concrete obligations. The obligation does not have to arise from a court order, but may also derive from the law per se, although it must be sufficiently specific and concrete … The aim of the detention must be to secure the fulfilment of the obligation, not to punish … Relying on McVeigh, the court has stated that a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation and the importance of the right to liberty, in which balance duration is a significant factor.*”

**L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

**22.** L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jistipula li “*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b’reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi.*”

**23.** L-artikolu Konvenzjonali korrispettiv huwa l-artikolu 6 li, fil-partijiet relevanti għal-lat kriminali, jaqra hekk:

"*Fid-deċiżjoni ... ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.*"

**24.** F'materji kriminali, l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u, b'analoġija, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, huma applikabbli matul il-proċedimenti kollha għad-determinazzjoni ta' kwalunkwe "akkuża kriminali", inkluż il-proċess ta' sentenza (**Phillips v. the United Kingdom**, **2001, § 39; Aleksandr Dementyev v. Russia, 2013, §§ 23-26**). Il-perjodu li għandu jittieħed in konsiderazzjoni jibda mil-mument meta l-applikant sar jaf bl-akkuża jew meta kien sostanzjalment affettwat mill-miżuri meħuda fil-kuntest ta' investigazzjoni jew proċeduri kriminali (**Mamič v. Slovenia (no. 2), 2006, §§ 23-24; Liblik and Others v. Estonia, 2019, § 94**). Dan il-perjodu jkopri l-proċedimenti kollha inkwistjoni (**König vs. Germany, 1978, § 98**), inklużi dawk tal-appell (**Delcourt v. Belgium, 1970, §§ 25-26; König v. Germany, 1978, § 98; V. v. the United Kingdom [GC], 1999, § 109**) sakemm tingħata sentenza finali li tiddetermina l-mertu tal-akkuża b'liberazzjoni jew kundanna (**Neumeister v. Austria, 1968, § 19**) u li din is-sentenza tiġi eżegwita. L-eżekuzzjoni ta' Sentenza mogħtija minn kwalunkwe qorti għandha tabilħaqq titqies bħala parti integrali mill-proċess għall-finijiet tal-Artikolu 6 (**Assanidze v. Georgia [GC], 2004, § 181**).

**25.** Moqri kollu kemm hu, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt ta' akkużat li jipparteċipa b'mod effettiv fi proċess kriminali (**Murtazaliyeva v. Russia [GC], 2018, § 91**). B'mod ġenerali, dan jinkludi, inter alia, mhux biss id-dritt tiegħu jew tagħha li jkun preżenti, iżda wkoll li jisma' u jsegwi l-proċedimenti. Tali drittijiet huma impliċiti fil-kunċett stess tal-audi alteram partem u l-*equality of arms* u jistgħu wkoll jiġu derivati mill-garanziji li jinsabu fis-subparagrafi (c), (d) u (e) tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 6 (**Stanford vs United Kingdom, 1994, § 26**).

**26.** Il-QEBD stabbilit bħala prinċipju fundamentali li persuna ma tistax tirreklama lilha nnifisha vittma ta' ksur tad-dritt sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jekk dan il-ksur seħħ matul proċedimenti li fihom ħarġet liberata, bħal fil-każ odjern, jew li twaqqfu (**Khlyustov v. Russia, 2013, § 103**). Tabilħaqq, dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ħtija ċaħħad lill-applikant mill-istatus ta' vittma fil-konfront tal-allegat ksur tad-dritt sanċit fl-artikolu 6 (**Batmaz v. Turkey, 2014, § 36**). Pero' fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, ir-rikorrent ma hux jilmenta mis-Sentenza li minnha ġie lliberat iżda mill-fatt ta' arrest li kien illegali u mhux akkonsentit mil-liġi skont il-prinċipji spjegati.

**27.** Ġie stabbilit li "*l-azzjoni taħt il-Kostituzzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali trid titħares mil-lenti tal-interess ġuridiku tal-parti li titlob ir-rimedju". U in vista tal-premess, mill-istess lenti trid titħares ukoll azzjoni taħt l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea li tilmenta minn leżjoni ta' xi wieħed*

*mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem miġjuba fl-Ewwel Skeda mal-istess Att.*" Dan jiġifieri r-rikorrenti jrid juri li hu għandu "*interess personali b'appoġġ għall-azzjoni*" minnu promossa (ara **Raymond Farrugia et vs L-Avukat Ġenerali et mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-21 ta' Ottubru 2015 u affermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju 2016**).

**28.** Din il-Qorti tirrileva li artikolu 5(5) tal-konvenzjoni jiddisponi li "*Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens*" (Emfażi tal-Qorti). Din il-parti tal-liġi ma tiddisponix li jkollu dritt ta' azzjoni għal kumpens iżda dritt eżegwibbli għall-kumpens. Dan ifisser li l-kumpens huwa konsegwenza naturali għall-ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni fis-sens li huwa dovut ipso iure anke jekk il-persuna ma ma titolbux. Il-liġi trid li mhux biss tagħti rimedju effettiv iżda li ttih b'mod awtomatiku. Għalhekk ai fini ta' dan l-artikolu, minkejja dak li għandha quddiemha l-Qorti hija referenza, xorta waħda ser tkun qed tikkundanna lill-Kummissarju tal-Pulizija jħallas lir-rikorrent is-somma ta ħamest elef ewro (€5000) bħala kumpens. (**Ara Harris O'Boyle and Warbrick , Law of The European Convention of Humana rights, Third Edition pg, 384-5**).

**29.** Sabiex l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jitqies applikabbli, jeħtieġ li l-ewwel jiġi aċċertat l-aspett kriminali tar-reat. F'**Engel et v. Holland**, il-QEBD stabbilit tlett kriterji bażiċi għall-evalwazzjoni ta' dan l-aċċertament.

Dawn huma

[1] il-klassifikazzjoni fil-liġi domestika;

[2] in-natura tar-reat u

[3] il-gravitá tal-piena li l-persuna tirriskja li ġġarrab (ara §§ 82-83).

**30.** Jekk il-liġi domestika tikklassifika reat bħala kriminali, allura dan ikun deċiżiv. Inkella, il-Qorti trid teżamina r-realtà sostantiva tal-proċedura inkwistjoni (**Gestur Jónsson and Ragnar Halldór Hall v. L-Islanda [GC], 2020, §§ 85 u 77-78**). It-tieni u t-tielet kriterju huma alternattivi u mhux neċessarjament kumulattivi (**Lutz v. Germany, 1987, §55; Öztürk v. Germany, 1984, §§ 53, 54; Nicoleta Gheorghe v. Romania, 2012, § 26**). Jista' madankollu jiġi adottat metodu ta' evalwazzjoni kumulattiva fejn analiżi separata ta' kull kriterju ma tagħmilx possibbli li tintlaħaq konklużjoni ċara dwar l-eżistenza ta' akkuża kriminali (**Bendenoun vs France**, 1994, § 47).

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

**31.** L-appellant Matthew Bajada qed jilmenta li ż-żmien li fih dam detenut sakemm titħallas minnu l-garanzija fl-ammont ta' €30,000, jiġifieri il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013, jikser il-jedd fundamentali tiegħu ta' ħelsien minn żamma arbitrajra sanċit fl-artikoli 34(1)(d) u tal-

artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**32.** Dan għaliex dan il-perjodu ġie mpost fuq premessi ħżiena u mingħajr smiegħ xieraq u se jiġi meqjus bħala eskluż mil-komputazzjoni tal-benefiċċju taż-żmien li għamel taħt arrest preventiv fil-proċeduri numru 69/2017, f'każ li l-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonferma/tvarja l-piena karċerarja mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar 2017.

**33.** Skont l-appellant Matthew Bajada din is-sitwazzjoni lanqas hi koperta b'dispożizzjoni espressa tal-liġi in sodisfazzjoni ta' l-ewwel kriterju stabbilit fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni (ara rikors a' fol 685 u 686 tal-atti tal-appell numru 69/2017 replikat fin-nota ta' sottomissjonijiet a' fol 133 jew 134 ta' dawn l-atti).

**34.** Jiġi rilevat f'dan ir-rigward li l-kalkolu ta' kundanni ta' priġunerija huwa regolat bl-artikolu 22 tal-Kap. 9 li jipprovdi hekk:

"*Ħlief fil-każ ta' kundanna ta' priġunerija għall-għomor jew ta' priġunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-ħlas ta' multa jew ammenda, kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs għar-reat jew reati li tiegħu jew tagħhom huwa jkun ġie hekk misjub ħati u kkundannat, li ma jkunx żmien magħmul fil-ħabs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt*

*il-kundanna tiegħu; iżda jekk l-ikkundannat qabel kien suġġett għal ordni ta' probation, ordni għal liberazzjoni taħt kondizzjoni jew għal sentenza sospiża dwar dak ir-reat jew reati, kull żmien bħal dak qabel l-għemil ta' dak l-ordni jew l-għoti tas-sentenza sospiża m'għandux jitqies għall-finijiet ta' dan l-artikolu:*

*Iżda meta xi żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija kif imsemmi qabel ikun, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ġie meqjus bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt il-kundanna dwar dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija, dak iż-żmien ma għandux jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt xi kundanna oħra.*" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan ifisser li "*huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat.*" (**Il-Pulizija v. Ignatius Joseph Fenech**, **Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Mejju 2008**).

**35.** Dan l-artikolu jeskludi mil-kalkolu ta' kundanni ta' priġunerija dik il-priġunerija/detenzjoni f'nuqqas ta' ħlas ta' multa jew ammenda a tenur tal-artikolu 14 tal-istess Kap u mhux dik il-priġunerija/detenzjoni f'nuqqas ta' ħlas ta' garanzija a tenur tal-artikolu 586 tal-Kap. 9. Fin-nuqqas ta' esklużjoni espressa fl-artikolu 22, il-perjodu li fih ħati nżamm detenut/arrestat skont l-artikolu 586, għandu għalhekk jitqies bħala "*żmien*

*li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat.*"

**36.** Isegwi għalhekk li l-eventwali ċaħda ta' dan il-perjodu mil-kalkolu ta' kundanna ta' priġunerija ma hijiex skont il-liġi u għaldaqstant mhux ġustifikata billi ma tidħolx fil-konfini ta' ebda wieħed mis-sub-inċiżi (a) sa (f) ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u (a) sa (j) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

**37.** Jiskatta għalhekk fuq l-istat, kif rappreżentat mill-awtoritajiet tal-ħabs, l-obbligazzjoni pożittiva imposta fl-ewwel parti tal-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni biex mhux biss iżomm lura milli jikser d-dritt għal-libertà u s-sigurtà ta' l-appellant Matthew Bajada iżda wkoll li jieħu miżuri xierqa għal protezzjoni effettiva kontra indħil illegali ta' dawk id-drittijiet, inkluż l-obbligu li jipprevjeni ċaħda arbitrarja u mhux ġustifikata tal-libertá li l-awtoritajiet jafu jew messhom jafu biha (ara konsiderazzjonijiet legali u ġurisprudenzjali ġia esposti supra). Dan billi jassigura li l-awtoritajiet tal-ħabs inaqqsu mil-kalkolu tal-eventwali kundanna ta' priġunerija fil-konfront ta' l-appellant Matthew Bajada iż-żmien kollu li huwa għamel detentut/arrestat a tenur tal-artikolu 586 tal-Kap. 9.

**38.** L-appellant Matthew Bajada jilmenta wkoll, kif ġia ingħad, li l-konverżjoni tal-garanzija fi priġunerija tilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq sanċit fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex "*l-awtoritajiet imxew bħala judge and jury fil-konfront tar-rikorrenti meta fit-13 ta' Frar 2013 imponew li*

*jallas is-somma ta' €27,647 sabiex jinħeles mill-arrest. Irid jiġi apprezzat id-differenza bejn €30,000 u €27,647 jirrapreżenta ż-żmien ta' arrest preventiv – dan l-ammont jew ekwivalenti ta' żmien ġie meħud fuq premessi ħżiena u mingħajr smiegħ xieraq.*" (ara rikors a' fol 688 tal-atti tal-appell numru 69/2017 replikat fin-nota ta' sottomissjonijiet a' fol 136 ta' dawn l-atti).

**39.** Il-Qorti tqis fundat dan l-ilment.

**40.** L-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 jikklassifika n-nuqqas ta' Mattew Bajada dikjarat mil-Qorti Kriminali fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012, mogħti a tenur tas-subinċiż (1), bħala reat kriminali. Din il-klassifikazzjoni tistabbilixxi l-aspett kriminali tar-reat u għaldaqstant fic-cirkostanzi huwa applikabbli dak li jiddisponi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**41.** Il-ġbir tal-garanzija magħmula mill-appellant Mattew Bajada konfiskata a' tenur tal-artikolu 579, bil-konverżjoni f'detenzjoni a tenur tal-artikolu 586, kellha ssir wara li, b'applikazzjoni tal-artikolu 585, jinħareġ mandat t'arrest kontrih mill-istess Qorti li quddiemha kellu jidher, ġeneralment fuq talba tar-Reġistratur tal-Qorti (ara fost oħrajn **John Grima -vs- Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Marzu 2011**). <u>Ma hemm iżda ebda ordni ta' arrest mogħti taħt dan l-artikolu 585 fl-atti tal-akkuża numru 45/10</u>.

**42.** Dan ifisser li ż-żamma ta' l-appellant Matthew Bajada f'detenzjoni fil-faċilitá korrettiva ta' kordin a tenur tal-artikolu 586 tal-Kap. 9 matul il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013 saret arbitrarjament bi ksur tal-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u mingħajr osservanza tal-prinċipju tal-*audi alteram partem* u tal-*equality of arms*, bi ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Dan tant li, sakemm din il-kwistjoni ġiet riferuta quddiem din il-Qorti, l-appellat Matthew Bajada baqa ma jafx li beda jinżamm f'detenzjoni skont l-artikolu 586 fil-31 ta' Lulju 2012.

**43.** In vista tal-fatt li r-risposta għal din il-proċedura ġiet imwieġba mill-Avukat Ġenerali, din il-Qorti ser tkun qed tipprovdi ukoll kontra l-istess Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu (ara' fol 13).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda twieġeb għar-referenza lilha magħmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) billi tgħid li:

**L-appellant qed isofri minn vjolazzjoni taħt l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Binedem u taħt l-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ġie leż id-dritt tiegħu minn żamma arbitrarja abbinat mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni bil-fatt illi ż-żmien li għamel taħt arrest preventiv f'din l-**

**istanza, preċiżament mil-31 ta' Lulju 2012 u t-13 ta' Frar 2013, ġie arbitrarjament u mingħajr jedd għal smiegħ xieraq meqjus bħala kundanna f'kawża oħra mhux relatata mal-proċeduri odjerni.**

**In oltre din il-Qorti qed tikkundanna lill-Kumissarju tal-Pulizija jħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħamest elef ewro (€5000) bħala kumpens.**

Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tal- Kummissarju tal-Pulizija.

Kopja formali ta' din is-sentenza għandha tiddaħħal fl-atti tal-appell Kriminali numru 69/2017.

Kopja formali ta' dina is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Malta, kif ukoll lill-Ministru tal-Ġustizzja.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**